MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 10/2009/1

**Anthony Joseph Portelli**

**vs**

**Registratur, Qrati u Tribunali f'Ghawdex u b'digriet tat-12 ta' Gunju 2009, gie mdahhal fil-kawza l-Kummissarju tal-Pulizija**
**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fl-14 ta' Ottubru 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzat is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"It-Tribunal,*

*Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-27 ta' Frar 2009, li jaqra hekk :-*

*'L-attur qieghed jitlob is-somma ta' tlett elef mija u sebgha u sebghin ewro (€3,177), rapprezentanti hlas ghal danni li huwa nkorra sabiex jirranga dghajsa proprjeta' tieghu li kienet mizmuma taht l-awtorita' tal-konvenut fil-mori ta' kawza kriminali, liema hsara giet ikkagunata unikament minhabba negligenza da parti tal-istess konvenut li halla d-dghajsa odjerna tiddeterjora ;*

*Illi minkejja li l-konvenut gie nterpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni reklamati permezz ta' Protest Gudizzjarju datat t-tletin (30) ta' Ottubru 2008 (502/08), huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;*

*Ghaldaqstant qieghed umilment jintalab sabiex dan it-Tribunal jiddikjara lill-konvenut responsabbli minhabba negligenza, ghad-danni pekunjarji li soffra l-attur ghaliex naqas li jiehu hsieb id-dghajsa odjerna li kienet fil-kustodja tieghu, u jordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba jew dik is-somma verjuri bhala danni rizultanti, li dan it-Tribunal joghgbu jillikwida a favur tal-attur, bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju msemmi fis-suespost, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni ;*

*Ghal fini ta' kompetenza qieghed jigi dikjarat li fi kwalunkwe' kaz id-danni reklamati mill-attur ma jissuperawx l-ammont ta' tlett elef erba' mija u disghin ewro (€3,490).' ;*

*Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fis-27 ta' Marzu 2009, eccepixxa :-*

*' Il-konvenut jichad li hu b'xi mod responsabbli ghal kwalunkwe' deterjorazzjoni fid-dghajsa tal-attur stante li din id-dghajsa qatt ma kienet fil-kontroll fiziku tieghu imma tali dghajsa giet biss esibita formalment fil-Qorti Istruttorja u qatt ma giet esibita fizikament. Fil-fatt id-dghajsa dejjem inzammet fil-mahzen tal-Pulizija f'St. Andrews ;*

*Inoltre l-attur kien tenut illi jmantni tali dghajsa fil-perjodu li nzammet mill-Pulizija u jekk verament kien hemm xi deterjorament fil-kundizzjoni taghha minhabba l-mod kif inzammet, kellu jigbed l-attenzjoni tal-Pulizija, haga li evidentement m'ghamilx ;*

*Bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur hu tenut li fi kwalunkwe' kaz jipprova dak li qed jallega, u cioe' li verament soffra danni minhabba l-mod kif inzammet din id-dghajsa u mhux ghal xi raguni ohra.' ;*

*Illi b'digriet ta' dan it-Tribunal tat-12 ta' Gunju 2009, fuq ir-rikors tal-attur, gie kjamat fil-kawza l-Kummissarju tal-Pulizija, u permezz tar-risposta tieghu tas-27 ta' Lulju 2009, huwa wiegeb dan li gej :-*

*'Illi l-attur qieghed jitlob minghand il-konvenut Registratur Qrati u Tribunali t'Ghawdex u l-eccipjenti kjamat fil-kawza Kummissarju tal-Pulizija, il-hlas ta' danni fl-ammont ta' ewro 3,177 a kawza ta' l-allegati hsarat li garrbet id-dghajsa proprjeta' tieghu ;*

*Illi l-allegati hsarat iggarrbu waqt li d-dghajsa kienet qed tigi mizmuma taht l-awtorita' tal-Qorti fil-mori tal-kawza kriminali li kienet tinsab ghaddejja fil-konfront ta' l-attur ;*

*Illi ghalhekk l-eccipjent mhuwiex responsabbli ghal kwalunkwe' danni li setghet garrbet id-dghajsa ta' l-attur stante li matul il-perjodu in kwistjoni tali dghajsa kienet dejjem mizmuma taht l-awtorita' tal-Qorti u minkejja li kienet go post appartenenti ghall-eccipjent ir-responsabbilita' ghall-kundizzjoni taghha kienet dejjem tal-konvenut Registratur ;*

*Illi l-eccipjent kellu jzomm id-dghajsa fi premises tieghu purament minhabba l-fatt li l-konvenut Registratur ghal xi raguni qatt ma pproceda biex jiehu f'idejh id-dghajsa, u dan minkejja li ovvjament kien jaf bis-sitwazzjoni u bir-responsabbilitajiet tieghu fir-rigward tad-dghajsa maqbuda ;*

*Illi kif inhu stabbilit fil-gurisprudenza, f'sitwazzjonijiet simili l-eccipjent ma jistax jinstab responsabbli ghal kwalunkwe' hlas ta' danni rikjesti mis-sid ;*

*Illi ghaldaqstant it-talba ta' l-attur ma tistax tintlaqa' fil-konfront ta' l-eccipjent Kummissarju tal-Pulizija ;*

*Bl-ispejjez kontra l-attur.' ;*

*Sama' l-provi tal-partijiet ;*

*Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;*

*Sama' lid-difensuri tal-partijiet li ttrattaw oralment il-kawza ;*

*Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;*

*Ikkunsidra :*

*Illi din hija azzjoni ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita' u hlas ta' danni minhabba hsarat li l-attur jikkontendi li garrbet id-dghajsa tieghu kemm damet issekwestrata mill-Kummissarju tal-Pulizija, u wara li giet esibita formalment taht l-awtorita' tal-Qorti fil-proceduri kriminali li sussewgentement kienu ttiehdu fil-konfront tal-attur, b'akkuzi dwar pussess u traffikar ta' droga, li taghhom ma kienx gie misjub hati u finalment kien gie lliberat minnhom u gie ordnat ir-rilaxx tad-dghajsa, kemm l-istess dghajsa damet mizmuma taht l-awtorita' tal-Qorti a kura tar-registratur li kellu jzomm taht il-kustodja tieghu l-istess dghajsa sakemm jintemmu definittivament il-proceduri kollha fil-konfront tal-attur ;*

*Illi kemm il-konvenut Registratur tal-Qrati u Tribunali t'Ghawdex kif ukoll il-kjamat fil-kawza Kummissarju tal-Pulizija qeghdin jichdu r-responsabbilita' taghhom ghal din il-hsara li soffriet id-dghajsa tal-attur, u filwaqt li l-konvenut jikkontendi li f'ebda mument ma kellu kontroll tad-dghajsa billi fizikament din kienet u baqghet mizmuma ghand il-Pulizija, ukoll wara li giet esibita formalment fil-Qorti, il-kjamat fil-kawza qed jitfa' r-responsabbilita' kollha fuq il-*

*konvenut billi jikkontendi li hu ma baqghax responsabbli mid-dghajsa wara li din kienet giet esibita fil-Qorti. Hadd minnhom pero' mhu qed jikkontesta l-ammont tad-danni reklamati mill-attur, u f'ebda waqt tal-kawza l-quantum tad-danni ma gie kontestat la mill-konvenut u lanqas mill-kjamat fil-kawza. Il-kwistjoni ghalhekk tippernja ruhha dwar jekk hemmx responsabbilita' ghall-hsara li allegatament issubiet id-dghajsa tal-attur mill-mument li din giet elevata mill-Pulizija mill-bajja ta' San Pawl Il-Bahar, Malta, f'Awwissu tal-1997, sa meta gie ordnat ir-rilaxx taghha bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-22 ta' Dicembru 2006 ;*

*Illi l-fatti l-aktar saljenti li jikkoncernaw lil din il-kawza huma s-segwenti :*

*(i) Fil-kors ta' investigazzjoni dwar reati kriminali li fihom kien hemm konness l-attur, il-Pulizija ghamlu tfittxija fuq id-dghajsa tal-attur wara li kienu ntercettaw lill-attur fil-bajja ta' Marsalforn xi jiem qabel il-festa ta' Santa Marija tal-1997, u kienu sabu fuqu xi sustanzi suspettata li kienet droga, u sussegwentement id-dghajsa li l-attur kien dahal biha fil-bajja kienet giet elevata u ssekwestrata mill-Pulizija ;*

*(ii) Jirrizulta li din id-dghajsa li ttiehdet mill-Pulizija kienet inzammet ghal xi zmien fil-bitha tas-C.I.D. fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, u wara ftit taz-zmien kienet ittiehdet f'wiehed mill-garaxxijiet li l-Pulizija ghandha f'St.Andrews ;*

*(iii) Fil-20 ta' Awwissu 1997, l-attur gie mressaq mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja u fil-mori ta' dawk il-proceduri, id-dghajsa kienet giet esibita formalment quddiem il-Qorti, izda baqghet tinzamm fil-post fejn kienet mizmuma mill-Pulizija ;*

*(iv) Illi b'sentenza tal-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Gunju 2006, l-attur kien gie misjub hati u kienet giet ordnata l-konfiska tad-dghajsa favur il-Gvern ta' Malta,*

*liema sentenza kienet giet sussegwentement revokata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Dicembru 2006, u l-attur kien gie lliberat minn kull imputazzjoni u htija, u kien gie ordnat ir-rilaxx tad-dghajsa favur tieghu ;*

*Il-provi akkwiziti fil-process juru li d-dghajsa meritu tal-kawza kienet giet formalment esibita fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-attur. Fil-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal, ir-responsabbilita' ghaz-zamma adegwata ta' dawk l-oggetti kienet f'idejn il-Kummissarju tal-Pulizija sakemm l-oggett gie esibit fil-Qorti u minn dak in-nhar'il quddiem din ir-responsabbilita' ghaddiet minn fuq spallejn il-kjamat fil-kawza ghal fuq ir-Registratur tal-Qorti u dan nonostante li l-kjamat fil-kawza baqa' jzomm ghandu materjalment id-dghajsa. Dan ghaliex mill-punto di vista legali l-kustodja ta' l-istess oggetti saret ir-responsabbilita' tar-Registratur mill-mument li fih giet esibita formalment id-dghajsa fil-Qorti [ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet* ***Martin Cachia vs Il-Kummissarju tal-Pulizija****, deciza fis-7 ta' Lulju 2006] ;*

*Johrog mill-provi in atti li d-dghajsa tal-attur giet elevata mill-Pulizija wara li din giet issekwestrata minnhom waqt li kienet irmiggjata fil-bajja ta' Marsalforn u ttiehdet fil-bitha tas-C.I.D fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Hadd mill-konvenuti ma kkontesta l-fatt li fil-mument li giet issekwestrata din id-dghajsa u giet mtella' mill-bahar u mehuda fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, ma kienetx f'kundizzjoni tajba u/jew li ma kienetx operabbli, tant li nstaqet minn Ghawdex ghal Malta. Fil-bitha tal-Kwartieri tal-Pulizija damet xi sena u nofs u wara ttiehdet f'wiehed mil-garaxxijiet li l-Pulizija ghandha f'St. Andrews fejn damet hemm xi tmienja jew disgha snin ohra sakemm hadha lura l-attur wara li ntemmu l-procedurti kriminali kontra tieghu u kien gie lliberat ;*

*Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jsawru dan il-kaz jirreferu ghad-depozitu u r-responsabbilta' tad-depozitant regolati bl-artikolu 1891 et seq. tal-Kodici Civili, Kap.16. F'dan il-kaz id-depozitu ma sarx mill-attur, imma bis-sahha ta' procedura fi hdan ta' atti ta' inkjesta Magisterjali. Il-ligi*

*taghraf bejn ghamliet differenti ta' depozitu, li jista' jkun wiehed hekk proprjament imsejjah jew jista' jkun sekwestru konvenzjonali. Tal-ewwel, imbaghad, jista' jkun jew depozitu volontarju jew inkella depozitu necessarju (art.1895 tal-Kap.16). F'kull kaz, il-kuntratt tad-depozitu jinvolvi t-tqeghid ta' haga f'idejn haddiehor, bl-obbligu ta' dan li jharisha u li jroddha lura in natura meta jintalab li jaghmel dan (art.1891 tal-Kap.16). Jidher li, fic-cirkostanzi li jikkaratterizzaw il-kaz prezenti, id-depozitu li sar f'idejn ir-Registratur imharrek kien jixbah aktar lis-sekwestru konvenzjonali (art.1922 tal-Kap.16) li, madankollu, dwaru jghoddu l-istess regoli u dixxiplina legali li jharsu d-depozitu volontarju (art.1924 tal-Kap.16) [ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet* ***Saviour Cutajar et vs Agent Registratur Tal-Qorti****, deciza fis-16 ta' Gunju 2005] ;*

*Illi l-ligi trid li dak li ghandu titqieghed haga b'depozitu jiehu hsiebha bhalma jiehu hsieb hwejgu stess (art.1899 tal-Kap.16). Izda hu ma jwegibx ghall-accidenti li jsehhu b'forza magguri, sakemm ma jkunx tnikker biex irodd lura l-haga lil min ikun talabhielu lura (art.1901 tal-Kap.16). Id-dmir ewlieni u element kardinali tal-kuntratt tad-depozitu huwa li d-depozitarju ghandu jrodd lura l-istess haga mhollija f'idejh fil-qaghda li tkun fiz-zmien meta tintradd u kull tgharriq li ggarrab bla htija tieghu jbatiha d-depozitant (art.1904 tal-Kap.16). Ir-radd lura jrid isir jew lil min wettaq id-depozitu, jew lill-persuna li f'isimha jkun sar id-depozitu, jew lill-persuna mahtura biex tircievi l-haga (art.1908 tal-Kap.16). Jitqies li haga depozitata tkun garrbet telf jew tgharriq b'forza magguri jew f'kaz fortuwitu jekk kemm-il darba jintwera li d-depozitarju jkun ha l-passi kollha mehtiega u ragonevoli biex il-haga depozitata tkun tqeghdet fiz-zgur. Mill-atti pero' ma jirrizultax li l-hsara li minnha ilmenta l-attur li sab fuq id-dghajsa tieghu kienet l-effett jew il-konsegwenza ta' xi forza magguri. Wara kollox la l-konvenut u lanqas il-kjamat fil-kawza ma ressqu l-fatt tal-forza magguri bhala difiza ghat-talba tal-attur, f'liema cirkostanza kien jaqa' fuq min jakkampa din id-difiza d-dmir li jipprova kif imiss dan il-fatt. Normalment, id-depozitarju jehtieglu jipprova biss li, bit-tgharriq tal-haga depozitata, garrab danni : sakemm ma jkunx intwera li*

*kien traskurat fl-ghazla tal-persuna tad-depozitarju bhala persuna li tkun maghrufa bhala wahda traskurata fiz-zamma ta' hwejjigha, f'liema kaz id-depozitant jitqies responsabbli minn ghazla bhal dik. Bid-difiza tal-forza magguri wiehed ikun irid juri mhux biss li l-grajja kienet wahda mhux mistennija jew mhux mixtieqa, imma wkoll li kienet wahda li ma setghetx tigi evitata, f'liema kaz tapplika l-massima res perit dominus. Inoltre, l-gurisprudenza hija konkordi li l-kuncett ta' kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara ikun ikkontribwixxa l-fatt pozittiv jew negattiv tal-bniedem" [App.Civ.,* ***Carmela Sapiano vs Antonia Fenech*** *[1997] Vol.LXXXI.II.149] ;*

*Illi l-eccezzjoni tal-konvenut li huwa l-attur li huwa responsabbli ghad-deterjorament tad-dghajsa peress li naqas milli jitlob lill-Qorti sabiex tawtorizzah jiehu dawk il-mizuri prekawzjonali u ta' manutenzjoni mehtiega sabiex jipprezervahom, din hija eccezzjoni insostenibbli, u maghha dan it-Tribunal jistqarr frankament li ma jaqbilx assolutament ma' din it-tezi tal-konvenut, u dan ghas-segwenti ragunijiet. Lartikolu 1899 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:- 'Id-depozitarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depozitu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejgu'. Illi ta' rilevanza huma wkoll id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 1900(1)(a) u (c) li jipprovdu s-segwenti :*

*'(1) Id-dispozizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan ghandhom jigu applikati b'mod aktar sever : (a) meta d-depozitarju jkun offra ruhu huwa nniffsu sabiex jiehu lura d-depozitu; ...... (c) meta d-depozitu jkun sar biss fl-interess tad-depozitarju.*

*(2) F'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1) (a), (b) u (c), jghoddu d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 1132(1)…. ' ;*

*L-artikolu 1132(1) tal-Kodici Civili jipprovdi hekk: '(1) Bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici dwar id-depoziti, id-diligenza li wiehed ghandu juza fl-ezekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi hsieb il-gid biss ta' wahda mill-partijiet sew jekk tal-parti-l wahda u l-*

*ohra, hija, f'kull kaz, dik ta' missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-artikolu 1032.' ;*

*L-artikolu 1904 jipprovdi s-sewgenti : '(1) Id-depozitarju ghandu jrodd dik il-haga stess li jkun ircieva, fl-istat li din tkun tinsab fiz-zmien tar-radd. (2) It-tgharriq li jsir fil-haga minghajr htija tad-depozitarju jbaghtih id-depositant.' ;*

*Illi meta wiehed iqis il-konsiderazzjonijiet li ghadhom kemm issemmew u jqabbilhom mal-fatti li jsawru l-kaz prezenti, dan it-Tribunal isib li d-dghajsa la kemm damet taht il-kustodja tal-Pulizija u lanqas wara li giet esibita formalment fil-Qorti ma tqieghedet u nzammet f'ambjent adegwat mahsub apposta ghaz-zamma ta' hwejjeg mobbli li jkunu jaghmlu parti minn esebiti procedurali, u lanqas ma sar xejn la minn wiehed u lanqas mill-iehor biex l-oggett jigi prezervat ghaz-zmien kemm damu ghaddejjin il-proceduri kriminali kontra l-attur. Inoltre l-konvenut u l-kjamat fil-kawza evidentement naqqsu milli jiehdu dawk il-mizuri prekawzjonali u ta' manutenzjoni mehtiega sabiex jipprezervaw l-oggett meritu fil-kawza u sabiex jittantaw izommu l-istess oggett funzjonanti, u dan ghen mhux ftit sabiex l-istess dghajsa tiddeterjora fuq medda ta' daqstant snin, u dan apparti l-fatt li l-post fejn inzammet tul dawn is-snin kollha kien inaddattat ghall-istess oggett li ttella' mill-bahar u ma sar xejn fuqha ghal disgha snin shah biex titnaddaf mill-melh tal-bahar. Jidher ukoll superfluwu li jinghad li l-istess konvenut u kjamat fil-kawza m'ghamlu l-ebda forma ta' manutenzjoni fuq id-dghajsa, kif kien dover ta' wiehed u tal-iehor li jaghmlu anke' taht il-massima ta' bonus pater familias, anzi' jidher u jirrizulta li abbandunaw l-istess oggett ghal kollox ghaz-zmien li damet taht ir-responsabbilita' rispettiva taghhom ;*

*Illi ma hemmx dubju li galadarba li l-oggett li gie issekwestrat mill-kjamat fil-kawza u sussegwentement depozitat ghand il-konvenut, huma kellhom l-obbligu rispettivament li jiehdu hsiebu b'dan li jrodduh lura lill-attur fi stat tajjeb, u jekk din iddeterjorat b'xi mod, kemm wiehed u kemm l-iehor kellhom l-oneru li juru b'mod konvincenti li dan ma kienx minhabba htijiet imputabbli lilhom. F'dan ir-rigward ma tressqet ebda prova la mill-*

*kjamat fil-kawza u lanqas mill-konvenut biex jiskolpaw ruhhom b'mod konvincenti mir-responsabbilita'. Illi fil-kawza fl-ismijiet* ***Dimech vs Kummissarju tal- Pulizija****, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' April 1996, intqal li : 'Ir-responsabbilta' ta' depozitarju hija dik ta' bonus paterfamilias u huwa ghandu l-obbligu li jipprova li ma setax jevita t-telf tal-oggetti hekk lilu konsenjati, u fin-nuqqas iwiegeb ghad-danni.' Ukoll fil-kawza fl-ismijiet* ***Mary Hall vs Emmanuel Xuereb****, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu 1946, il-Qorti nnotat illi d-depozitarju, anki b'titolu gratuwitu, ghandu juza fil-kustodja tal-haga l-istess diligenza li juza fil-kustodja ta' hwejgu. In konferma ta' dak stabbilit mill-Kodici Civili, il-Qorti qalet ukoll li d-depozitarju ghandu jrodd il-haga lil min fdahielu fl-istess stat li kienet giet konsenjata lilu. Konsegwentement id-depozitarju li jonqos minn dawn l-obbligi huwa responsabbli ghad-danni lejn id-depozitant. Illi r-responsabbilta' ta' depozitarju hija dik ta' bonus paterfamilias [art. 1032(1)], u huwa ghandu l-obbligu li jipprova li ma setax jevita t-telf tal-oggetti hekk lilu konsenjati, fin-nuqqas iwiegeb ghad-danni. Illi in effetti fil-kawza fl-ismijiet* ***Maria Camilleri vs Duminku Attard****, deciza wkoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' April 1992, inghad illi : 'Huwa provdut fil-ligi li min jircievi d-depozitu ghandu juza l-istess diligenza fuq il-haga depozitata qisha kienet tieghu, jigifieri juza d-diligenza li jirrizerva ghall-hwejjeg tieghu. Ghaldaqstant l-attur nomine bhala depozitarju kellu juza d-diligenza ta' buon padre di famiglia (Pietro Contini vs Giorgio Zammit (Kollez. Vol. XXIX.i.142). Id-depozitarju huwa obbligat juza, fil-kustodja ta' l-oggetti depozitati ghandu, l-istess diligenza li huwa juza fil-kustodja ta' hwejgu, u huwa obbligat irodd dawk l-oggetti biss lil min ikun iddepozitahom ghandu jew lill-persuna illi f'isimha jkun sar id-depozitu jew lil min ikun inkarigat biex jircevihom. Id-depozitarju li jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa responsabbli tat-telf jew hsara li dan in-nuqqas igib lis-sid tal-haga depozitata jew lil min ikun iddepozitaha. (Vol. XXIX.i.1244).' ;*

*Wara li qies sewwa l-provi dan it-Tribunal huwa moralment konvint li la l-kjamat fil-kawza u lanqas il-konvenut ma hadux il-prekawzjonijiet mehtiega necessarji*

*sabiex jassiguraw ruhhom li d-dghajsa li giet issekwestrat u sussegwentement esibita fil-Qorti ma ssirilha l-ebda hsara, u konsegwentement l-attur sofra danni bit-tgharriq tal-istess oggetti, u billi ma harigx il-grad tal-hsara li d-dghajsa garrbet kemm damet ghand wiehed kif ukoll ghand l-iehor, huma t-tnejn li ghandhom iwiegbu ghad-danni reklamati mill-attur solidalment bejniethom ghall-hsara li garrbet id-dghajsa kemm damet mizmuma ghandhom. Il-hsara hija evidenti mir-ritratti li gew esibiti mill-attur, li la l-konvenut u lanqas il-kjamat fil-kawza ma kkontestaw l-istat malandat tad-dghajsa kif tidher mir-ritratti wara li din hadha lura f'idejh l-attur ;*

*L-argument tal-konvenut li kien jinkombi lill-attur sabiex jitlob lill-Qorti jew lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jigi awtorizzat jiehu l-mizuri prekawzjonali u ta' manutenzjoni biex jippreserva l-istess oggett maqbud ma jregix, ghaliex kien il-kjamat fil-kawza li ha u talab pussess tal-affarijiet lill-istess Qorti, u fl-ebda mument il-konvenut ma allega jew indika, li tali pussess effettiv tal-oggett kien suggett ghal tali kondizzjoni; huwa tramite l-ufficcjali tieghu ghazel jew accetta l-post fejn kienet ser tibqa' mizmuma d-dghajsa, u l-oggett baqa' fil-pussess tieghu tul dan iz-zmien kollu, u mhux ma ta kaz ta' xejn, u ma ghamilx manutenzjoni tal-istess, izda addirittura abbanduna l-istess dghajsa ghaz-zmien kollu li din damet mizmuma fi proprjeta' tieghu. Ghalhekk dan it-Tribunal qed izommhom solidalment responsabbli lill-konvenut u lill-imsejjah fil-kawza ghall-hsara li garrbet id-dghajsa ;*

*Illi la l-konvenut u lanqas il-kjamat fil-kawza ma kkontestaw bl-ebda mod il-quantum tad-danni li qed jitlob l-attur, u wara li dan it-Tribunal fela ir-rendikont tal-ispejjez li saru f'tiswijiet biex trangat id-dghajsa, kif msahha bl-ircevuti, iqis li l-ispejjez reklamati mill-attur fl-ammont ta' tliet elef mija u hamsa u erbghin Euro (€3,145) biex irranga l-hsara sofferta, iqishom gustifikati;*

*Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi prevja r-rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawza, jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' tliet elef mija u*

*hamsa u erbghin Euro (€3,145), ammont ta' spejjez li effettivament gew inkorsi mill-attur biex sewwa l-hsara fuq id-dghajsa tieghu wara li din hadha lura fi tmiem il-process gudizzjarju li kien hemm kontra tieghu, u jikkundanna lill-konvenut u lill-kjamat fil-kawza solidalment bejniethom ihallsu lill-attur din is-somma, bl-imghax fuqha b'effett mid-data tan-notifika tat-talba sal-eventwali hlas effettiv ;*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju numru 502/2008 tat-30 ta' Ottubru 2008, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut u l-kjamat fil-kawza in solidum bejniethom'.*

Rat ir-rikors tal-appell tar-Registratur, Qrati u Tribunali f'Ghawdex, datat 3 ta' Novembru 2011 fejn filwaqt illi ghamel referenza ghall-provi u l-atti processwali kollha, talab lill-Qorti biex thassar u tirrevoka s-sentenzi moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zgar fl-ismijiet fuq premessi tal-14 ta' Ottubru 2011 u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponenti u tesonerah minn kwalunkwe responsabilita' bl-ispejjez taz-zewg istanti kontra l-attur appellat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-kjamat fil-kawza l-Kummissarju tal-Pulizija, datat 3 ta' Novembru 2011 fejn filwaqt li ghamel referenza ghall-provi migjuba talab lill-Qorti biex tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li ssib l-appellant mhux responsabbli ghal kwalunkwe hsara li setghet garbet id-dghajsa tal-appellat Portelli u ghalhekk tillibera lill-istess appellant mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-appellat Portelli.

Rat li l-appellat gie notifikat fid-29 ta' Novembru 2011 izda baqa' ma dahhalx risposta.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghat-18 ta' Jannar 2012 fejn id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-21 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi fl-appell odjern ir-Registratur, Qrati u Tribunali, Ghawdex huwa fis-sens (a) li la darba d-dghajsa in kwistjoni qatt ma kienet fil-pussess tieghu mela allura huwa qatt ma kellu jinzamm responsabbli u dan iktar u iktar minhabba dak allegat mill-appellant li ma giex segwieta l-procedura tal-**artikolu 668 tal-Kap. 9** fejn jinghad li l-ogggetti hemm indikati ghandhom jinghataw mill-Qorti lir-Registratur etc; (b) l-Qorti kellha tikkonsidra l-inertia tal-attur li jipprevjeni d-deterjorazzjoni tal-haga.

Illi sar appell iehor mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn qed isostni li huwa ma ghandux jinzamm responsabbli ghaliex tali dghajsa fil-perjodu relattiv kienet dejjem mizmuma taht l-Awtorita' tal-Qorti, u baqhget ghandu biss ghaliex ir-Registratur tal-Qorti qatt ma pproceda sabiex jiehu d-dghajsa f'idejh u saret riferenza ghas-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Martin Cachia vs Kummissarju tal-Pulizija"** (A.C. – 7 ta' Lulju 2006) u **"Roger Degiorgio vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (GCD) – 29 ta' April 2009).

Illi din il-Qorti thoss li fir-rigward tal-appellant il-Kummissarju tal-Pulizija l-pozizzjoni hija li effettivament huwa baqa' fil-pussess tal-istess oggett minkejja li formalment gie esebiet minnu quddiem il-Qorti, u ghalhekk ma jirrizultax li l-imsemmija dghajsa qatt harget mill-pussess tieghu u ghalhekk anke fuq l-iskorta ta' dak deciz fis-sentenza **"Martin Cachia vs Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (RCP) – 7 ta' Lulju 2006) thoss li l-appell tieghu ma jistax jigi milqugh ghaliex jidher li l-appellant ha effettivament pussess tal-istess dghajsa meta kienet fi stat tajjeb, u meta effettivament l-attur gie biex jiehu pussess taghha minghand l-istess appellant, peress li l-istess dghajsa baqghet ghandu effettivament, din instabet fi stat mhux tajjeb, u ghalhekk jirrizulta li l-istess appellant naqas li jiehu hsieb tal-haga li kellu fil-pussess tieghu bhala *bonus pater familias.*

Illi l-fatt li l-istess dghajsa giet esebita l-Qorti formalment ma tnaqqas xejn mill-obbligi tal-istess appellant verso l-haga li ha pussess taghha skond il-ligi b'dan li jibqa' jippersisti l-obbligu tieghu li jiehu hsieb l-istess haga sal-

mument li huwa effettivament jispossa ruhhu legalment minnha. Din il-Qorti hadhet f'dan il-kuntest konjizzjoni ta' dak li nghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Martin Cachia vs Kummissarju tal-Pulizija"** (A.C. – 7 ta' Lulju 2006), izda bir-rispett dovut dejjem lejn l-istess Onorabbli Qorti, din il-Qorti hija tal-opinjoni li bil-fatt li l-istess appellant ikun formalment iddepozita l-oggett taht l-Awtorita' tal-Qorti, bla ma jaghmel hekk fattwalment, allura l-istess appellant ma jkunx ezima ruhhu minn kull responsabilita', iktar u iktar meta ma kien hemm ebda tentattiv f'dan il-kaz sabiex effettivament l-istess oggett jigi fizikament moghti lill-Qorti.

Illi dan qed jinghad ghaliex anke mill-punto di vista' legali ma jistax jigi njorat il-fatt li l-oggett baqa' fizikament fid-dominju tal-appellant il-Kummissarju tal-Pulizija. Il-fatt msemmi f'dik is-sentenza li meta l-attur f'dik il-kawza ghamel talba sabiex jispezzjoni l-oggett quddiem il-Qorti ifisser biss rikonoxximent tal-fatt li l-oggett gie formalment esebit il-Qorti, izda jekk wiehed ihares lejn id-digriet imsemmi fl-istess sentenza, l-Qorti stess irrikonnoxiet li l-oggett kien ghandu ghand l-appellant fejn inghad li *"awtorizzat lill-imputat imur il-garage tal-Pulizija, Floriana, biex jispezzjona l-makkinarju mizmum taht il-kustodja ta' din il-Qorti….",* u dan proprju ghaliex l-oggett baqa' bhala fatt u fizikament fil-pussess tal-istess.

Illi bir-rispett dovut saret ukoll riferenza ghall-**artikolu 357 tal-Kap. 9** hemm citat li jitkellem dwar ir-responsabilita' tal-ufficjal tal-pulizija li jippriserva l-oggetti fl-istat li jsibhom u fl-istat li kienu meta sabhom u dan sakemm jaghmel rapport tieghu lill-Qorti tal-Magistrati, izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan l-artikolu jirriferi ghall-procidiment kriminali u ghall-fini ta' prova dwar l-istess f'tali procedure, izda bl-ebda mod ma jimpingi jew ibiddel ir-responsabilita' civili tal-appellant li jiehu hsieb il-haga li huwa ha, purche' legalment il-pussess taghha.

Illi minn naha l-ohra din il-Qorti tara wkoll responsabilita' tal-appellant l-iehor ghaliex formalment giet esebita l-istess dghajsa taht l-Awtorita' tal-Qorti kif jidher fis-seduta tal-5 ta' Settembru 1997, u din il-Qorti thoss li tenut tal-kaz

in ezami, u anke dak li inghad fl-appell tar-Registratur tal-Qorti, l-appellant ir-Registratur kellu jara li l-procedura tigi segwieta, nkluz li la darba l-oggett gie formalment esebiet il-Qorti taht id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 667 tal-Kap. 9,** huwa kellu l-obbligu li jara l-istat tal-istess oggett, li jiehu kontroll jew jinghata kontroll tal-istess oggett u dejjem sabiex jiehu kura tieghu skond il-ligi diment li l-istess oggett jibqa' hekk esebiet. Minn dan l-appellant odjern ma ghamel xejn, anke jekk id-dispozizzjonijiet citati jipprovdu li effettivament ir-Registratur ikollu kontroll u fil-pussess tieghu l-haga, li ma kellux u qatt ma talab li jkollu. Ghalhekk taht dan l-aspett l-istess appellant ir-Registratur, kien ukoll responsabbli li jiehu hsieb il-haga li giet formalment esebita u allura t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar kien korrett meta qal li huwa wkoll naqas milli jiehu l-prewkawzjonijiet mehtiega necessarji sabiex jassigura ruhhu li d-dghajsa li giet issekwestrata u esebita l-Qorti ma ssirilha ebda hsara u dan l-istess kif inghad fil-konfront tal-appellant l-iehor. B'hekk iz-zewgt appellanti gew tenuti li huma responsabbli ghall-hsarat li graw fl-istess dghajsa korrettament u din il-Qorti qed hawn tichad l-aggravvji taz-zewgt appellanti fuq dan il-punt.

Illi dwar it-tieni aggravju tal-appellant ir-Registratur din il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Martin Cachia vs Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (RCP) – 7 ta' Lulju 2006) f'dan ir-rigward fis-sens li *"l-argument li kien jinkombi lill-attur sabiex jitlob lill-Qorti li tawtorizzah jiehu l-mizuri prekawzjonali u ta' manutenzjoni biex jippriserva l-istess oggetti ma jreggix, ghaliex kien il-konvenut li ha u talab pussess tal-affarijiet lill-istess Qorti, u fl-ebda mument il-konvenut ma allega jew indika, li tali pussess effettiv tal-oggetti kien suggett ghal tali kondizzjoni; huwa tramite l-ufficcjali tieghu ghazel il-post fejn kien ser jinhaznu, u l-oggetti baqghu fil-pussess tieghu tul dan iz-zmien kollu, u mhux ma tax kashom, u ma ghamilx manutenzjoni tal-istess, izda addirittura abbanduna l-istess oggetti, tant li meta l-attur talab sabiex jarahom qabel ma jitlob li jirtirahom, l-ufficcjali tal-Pulizija nkarigati, anke mbarrazati, talbu zmien sabiex jintraccawhom, u fir-rapport peritali jirrizulta fejn kienu fil-fatt mitluqin u mwarrbin".* Barra minn dan la darba d-dghajsa giet

formalment esebita l-Qorti, kien dover tar-Registratur innifsu li jaghmel din ir-rikjesta, xejn xejn sabiex jaderixxi ruhhu mal-ligi, u wkoll jonora l-obbligi tieghu naxxenti mill-fatt li tali oggett gie formalment esebit ghandu, dan iktar u iktar meta jidher li huwa ma kellux kontroll tieghu u lanqas biss fittex li jkollu kontroll jew pussess tal-istess. Certament fl-opinjoni ta' din il-Qorti, issa anke fid-dawl tal-gurisprudenza imsemmija, ma kellux jibqa' ma jaghmel xejn, qiesu ma sar xejn fil-konfront tieghu. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi respint u ghalhekk id-decizjoni appellata qed tigi kkonfermata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi **tichad l-appell interpost mill-appellanti r-Registratur, Qrati, u Tribunali f'Ghawdex fir-rikors tieghu datat 3 ta' Novembru 2011 u wkoll tichad l-appell interpost mill-appellanti l-Kummissarju tal-Pulizija fir-rikors tal-appell tieghu datat 3 ta' Novembru 2011 ghaliex huma rispettivament infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) fl-ismijiet premessi "Anthony Joseph Portelli vs Registratur, Qrati, u Tribunali f'Ghawdex" (Avvviz Nru. 10/2009/MS) datata 14 ta' Ottubru 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Registratur, Qrati, u Tribunali f'Ghawdex u l-Kummissarju tal-Pulizija solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------